**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 413 tal-5 ta' Lulju 2016 fuq punt imqajjem mill-Onor. Marthese Portelli dwar rapportaġġ fil-gazzetta *KullĦadd* tal-Ħadd, 3 ta' Lulju 2016**

Fis-Seduta 412 tal-4 ta' Lulju 2016, fil-ħin tal-mozzjonijiet, l-Onor. Marthese Portelli ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja u qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' artikolu intitolat "Jikkritikawh fil-Parlament u jawgurawlu fuq Facebook" li deher fil-gazzetta *KullĦadd* tat-3 ta' Lulju 2016. Nikkwota lill-Onor. Portelli:

> "Sur President, nixtieq niġbed l-attenzjoni għal artikolu li deher nhar il-Ħadd li għadda fil-ġurnal *KullĦadd,* artikolu bit-titlu "Jikkritikawh fil-Parlament u jawgurawlu fuq Facebook". Dan l-artikolu qiegħed jgħid jiena x'għedt fil-Parlament, imma qiegħed jimmiskwotani totalment mill-A saż-Ż. Dan l-artikolu jitkellem dwar il-ħatra ta' Reuben Abela bħala l-Kap Eżekuttiv tal-ERA u jgħid hekk:
>
> > "Wara li Reuben Abela tħabbar bħala l-Kap Eżekuttiv tal-ERA l-ġimgħa li għaddiet, id-Deputat Nazzjonalista Marthese Portelli pront qamet fil-Parlament biex tikkritika din l-għażla.".
>
> L-ewwel nett, dan mhuwiex veru. Fid-diskors tiegħi fl-ebda ħin ma rreferejt għal Reuben Abela, anke li kieku ridt ma kienx possibbli u dan minħabba l-fatt li n-nomina ta' Reuben Abela saret waqt il-*winding-up* tal-Ministru Josè Herrera, jiġifieri wara li jien kont ikkonkludejt id-diskors tiegħi. Jiġifieri bl-ebda mod ma jista' jkun li jiena għedt dan id-diskors li hawn hawnhekk. Hawn iktar affarijiet jgħidu jiena x'għedt u dan huwa totalment inġust."

Is-Sedja eżaminat l-intervent li għamlet l-Onor. Marthese Portelli fis-Seduta 405 tal-21 ta' Ġunju 2016 meta ġew diskussi l-Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u tista' tikkonferma li hija fl-ebda mument ma rreferiet għall-Perit Reuben Abela jew għall-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità. Li semmiet l-Onor. Portelli huwa li:

> "Biex l-ERA tilħaq l-għan li twaqqfet għalih fuq il-karta m'għandux ikun hemm indħil politiku."

Aktar 'il quddiem hija qalet ukoll:

> "Għalhekk qed ngħid li r-rieda politika hija kollox u għalhekk qed ngħid li huwa tajjeb li għandna Ministru *that means well* imma mhux biżżejjed. Biex l-ERA titħalla titmexxa kif suppost, ir-rieda politika trid tiġi minn fuq nett u allura in vistà' ta' dan li qed ngħid il-Prim Ministru għandu responsabilità u obbligu doppju."

F'din is-seduta l-isem tal-Kap Eżekuttiv jidher li ssemma l-ewwel darba mill-Ministru Josè Herrera meta qal hekk:

> "Huwa tajjeb li nħabbar ukoll li se jkollna kap eżekuttiv ġdid. Jiena ma dħalt xejn f'din l-għażla tal-kap eżekuttiv għax meta saret din il-liġi, kuntrarjament għal dak li jiġri f'awtoritajiet oħra u f'aġenziji oħra, mhuwiex il-Ministru li jagħżlu; din kienet deċiżjoni politika li ttieħdet. Naf li hemm numru ta' nies li applikaw, persważ li dawn in-nies kollha għandhom il-kapaċitajiet tagħhom, però b'mod awtonomu l-bord għażel il-Perit Reuben Abela. Illum qed inħabbar li l-kap eżekuttiv il-ġdid tal-ERA se jkun

> il-Perit Reuben Abela li jiġi mill-Heritage, huwa bniedem li għandu *background* fil-kultura."

Dwar il-pożizzjoni ta' din is-Sedja fuq rapportaġġ ta' proċeduri Parlamentari fil-*media*, is-Sedja tagħmel referenza għar-*ruling* li hija tat fis-Seduta 194 tat-3 ta' Novembru 2014, u nikkwota:

> "Għaldaqstant is-Sedja ħasset li għandha tagħti dan ir-*ruling* anke biex ikun hemm linji gwida ċari dwar il-pożizzjoni tas-Sedja dwar rappurtaġġ ta' proċeduri parlamentari minn kull *media*, kemm dik elettronika, kemm dik viżiva, kemm dik tar-radju kif ukoll dik miktuba, bħal fil-każ li għandna quddiemna jiġifieri l-gazzetta *l-Orizzont*. Is-Sedja qiegħda tagħmel dan sabiex ikun hemm linja ċara bbażata fuq qafas legali kif ukoll fuq linji adottati minn parlamenti nazzjonali fi ħdan il-*Commonwealth*, fosthom ovvjament l-Ingilterra."

Dakinhar is-Sedja kienet qed tittratta l-punt li fir-rapportaġġ dwar il-mistoqsijiet parlamentari, il-Membru Parlamentari li jkun għamel dik l-interpellanza jew li jkun ħa sehem f'dibattitu parlamentari kellu jissemma b'ismu u dan biex ikun hemm rapport fidil, ċar u ġust. Din il-pożizzjoni hija wkoll indikata u segwita fil-Parlament Ingliż tant li f'paġna 226 tal-Erskine May, *Parliamentary Practice* (24ed) taħt il-kapitolu bl-isem "*Privilege of freedom of speech*" insibu dan li ġej:

> "*As regards the publication of debates, the judgment in Wason v Walter in 1868 established that the publisher of a report of a parliamentary debate is protected from actions for defamation if the whole debate is published, and enjoys qualified privilege for the publication of extracts from debates. The decision is founded not on parliamentary privilege or the Act of 1840, but on the principle that the publication of the proceedings of Parliament should be protected on the same footing as those of courts of justice: 'that the occasional inconvenience to individuals arising from it [publicity being given to the proceedings of courts] must yield to the general good'.*"

Dan ifisser li kieku r-rapportaġġ li deher fil-gazzetta *KullĦadd*, partikolarment il-parti li għamlet referenza għaliha l-Onor. Marthese Portelli, u ċjoè:

> "Wara li Reuben Abela tħabbar bħala l-Kap Eżekuttiv tal-ERA il-ġimgħa li għaddiet, id-Deputat Nazzjonalista Marthese Portelli pront qamet fil-Parlament biex tikkritika din l-għażla."

kien fedelment jirriproduċi dak li ntqal mill-istess Onorevoli Membru waqt id-diskussjoni tal-Estimi tal-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi, l-awtur ta' dan l-artikolu kien ikun protett u dan anke skont il-linji gwida li tat l-istess Sedja fid-deċiżjoni fuq ċitata tat-3 ta' Novembru 2014. Dan ma jidhirx li huwa l-każ għaliex kif diġà ngħad, fl-intervent tal-Onor. Portelli fis-Seduta inkwistjoni, imkien ma jidher li kien hemm xi referenza għall-ħatra tal-persuna indikata mill-Onorevoli Membru.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-konklużjoni ta' *ruling* mogħti mill-Ispeaker Lawrence Gonzi fis-Seduta 189 tas-17 ta' Jannar 1989 fejn kien qal hekk:

> "Is-Sedja tieħu din l-opportunità sabiex tfakkar lill-ġurnalisti msejħa biex jaqdu d-doveri tagħhom fil-Parlament, illi huma għandhom obbligu li jirrapurtaw fedelment

u bl-aħjar abbiltà, dak li jkun qiegħed jiġri fil-kors tal-proċeduri tal-Kamra. Dan l-obbligu jimxi id f'id mal-prinċipju fundamentali tal-libertà tal-istampa. Għalhekk, is-Sedja tistenna li tkompli l-kooperazzjoni li l-istess membri tal-istampa dejjem urew lejha sabiex tinstab soluzzjoni ġusta għal dawk il-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu allavolja dawn ma jkunux jikkwalifikaw bħala ksur ta' privileġġ skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra."

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi li jipprevalu f'din il-kwestjoni mqajma mill-Onor. Marthese Portelli waqt is-seduta tal-bieraħ, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li salvi u fermi d-drittijiet li jista' jkollha l-Onor. Marthese Portelli taħt l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) jew taħt xi liġi oħra, is-Sedja qed tirrakkomanda li l-gazzetta kkonċernata ġġib il-korrezzjoni dovuta fl-ewwel ħarġa tagħha tal-Ħadd li ġej.